**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 361/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis,**
**Spettur Gabriel Micallef,**
**Spettur Kurt Farrugia)**

**vs**

**Joseph ZAHRA**

**Illum, 29 ta' Mejju, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-9 ta' Ottubru, 2023 fil-konfront ta' **Joseph ZAHRA** ta' 68 sena, iben Joseph u Anne nee` Cutajar, imwieled Birżebbugia nhar is-6 ta' April 1953, residenti 'Officers Mess', Blk 5, Hse 2, Triq Ħal Far, Żurrieq u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0293553(M), li ġie mixli talli:

   1. Fit-18 ta' Marzu 2022, għall-ħabta ta' 15:30hrs u/jew ħinijiet ta' qabel, ġewwa l-Bini tal-Qorti, il-Belt Valletta, attakka jew għamel

reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe` PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ħin u ċirkostanzi, inġurja, hedded u/jew għamel offiża fuq il-persuni tal-Ispettur Jonathan Cassar, PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;

5. U aktar talli nhar l-14 ta' Marzu, 2022, ġewwa l-Bini tal-Qorti, ġewwa l-Belt Valletta, inġurja jew hedded lill-Maġistrat Dr. Nadine Lia, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet għamlet id-dmirijiet tagħha, jew bil-ħsieb li jbeżżagħha inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;

7. U aktar talli nhar id-29 ta' Diċembru 2021, għall-ħabta ta' 12.20hrs, ġewwa l-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' telefons ċellulari, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur jeċċedi iżjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), iżda ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Hamza Bakoush u Omar Mustafa Hussein u/jew persuni oħra;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

9. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li bih ta' (*sic*) il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan sar bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, sar reċediv ai termini ta-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Joseph ZAHRA u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat fejn b'diversi digrieti hawn fuq imsemmija kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D., Spettur Jonathan Cassar, PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni leża, jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet billi, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2023:

    (1) astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 338(ee) u 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u li bihom l-imputat (illum l-appellant) ġie mixli fis-sitt (6) u tminn (8) imputazzjoni;

    (2) sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u ċioe` r-reat kontemplat fl-Artikolu 96(a) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk illiberatu minnha;

    (3) wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imputat ħati tar-reat kontemplat f'dan l-artikolu u li bih l-imputat ġie mixli fit-tieni imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, pero` limitatament biss fil-konfront tal-Ispettur Jonathan Cassar, u sabitu mhux ħati għall-kumplament tal-istess imputazzjoni u lliberatu mill-kumplament tal-istess imputazzjoni;

    (4) wara li rat l-Artikoli 93(1), 338(dd) u 338(ee), 261(ċ), 267, 279(a), 579(2), 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tar-reati fihom kontemplati u konsegwentement ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti kontra tiegħu;

    (5) tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkundannat lill-ħati għal perjodu ta' tletin (30) xahar priġunerija, li minnhom kellu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri biss;

    (6) in oltre kkundannatu wkoll għal ħlas ta' multa ta' elfejn ewro (€2000), pagabbli minnufih, u fin-nuqqas tiġi konvertita f'perjodu ta' priġunerija bir-rata stabbilita skond il-liġi.

(7) ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' tlett mitt ewro (€300) mill-ammont akbar ta' garanzija personali imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti fit-3 ta' Novembru 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, u jekk dan l-ammont ma jitħallasx immedjatament, jiġi konvertit f'perjodu ulterjuri ta' priġunerija skond il-liġi;

(8) in oltre, il-Qorti ordnat lill-ħati iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż għandu jitħallsu fi żmien xahar minn meta jiġi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skond il-liġi.

(9) ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet fil-konfront tal-ħati, Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurta` tal-Maġistrat Dottor Nadine Lia u l-Ispettur Jonathan Cassar, u għall-fini taż-żamma tal-ordni pubbliku fir-rigward ta' PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia. Din l-Ordni ta' Trażżin inħarġet għall-perjodu ta' tlett (3) snin dekorribbli mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena. L-istess Ordni ġiet imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni annessa mal-istess sentenza u kellha tifforma parti integrali mill-istess sentenza.

Il-Qorti ordnat illi kopja tal-Ordni tat-Trażżin tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Joseph ZAHRA appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex "*tilqa' dan l-appell u ... tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lil appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni (1) u ... tħassarha u tannullaha, fil-parti fejn sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sebgħa (7), tat-tmien*

*(8), u tad-disa' (9) u astjeniet mis-sitta (6) u mit-tmien (8) imputazzjoni, u għar-raġunijiet suesposti, tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa għall-kaz odjern*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell interpost mill-appellant Joseph ZAHRA illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravju tal-appellant u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Ottubru 2023.

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Marzu 2024, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jirrimettu ruħhom għar-rikors tal-appell u għar-risposta tal-Avukat Ġenerali rispettivament.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi dan il-każ jitratta tlett inċidenti separati, wieħed dwar serq ta' żewġ *mobile phones* minn ġewwa l-Belt Valletta, allegatament kommess mill-appellant Joseph ZAHRA nhar id-29 ta' Diċembru 2021, u żewġ inċidenti oħra li seħħew ġewwa l-binja tal-Qorti nhar l-14 ta' Marzu 2022 u nhar it-18 ta' Marzu 2022, rispettivament.

7. Mill-atti proċesswali jirriżulta illi in kwantu l-inċident tas-serq, sar rapport fl-Għassa tal-Belt dakinhar stess li seħħ is-serq in kwistjoni minn żewġ persuni ossia Hamza Bakoush u Mohamed Omar Mustafa Hussein, li rraportaw kif il-*mobile phones* tagħhom insterqulhom waqt li kienu qegħdin il-gabbana ta' Mannarinu ġewwa l-Belt Valletta. Mohamed Omar Mustafa Hussein irrapporta wkoll illi fil-*cover* tal-istess *mobile phone* kellu flus kontanti fis-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250). Il-Pulizija marru fuq il-post dakinhar stess u elevaw filmati minn *CCTV camera*, mil-liema għarfu lill-awtur tas-serq in kwistjoni bħala Joseph ZAHRA, ossia l-appellant odjern.

8. Illi in kwantu għall-inċident tal-14 ta' Marzu 2022, jirriżulta illi dan seħħ waqt seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia. Jirriżulta illi waqt din is-seduta, l-appellant naqas milli jobdni l-ordnijiet tal-Maġistrat Lia u nstab ħati diversi drabi ta' disprezz. Lejn l-aħħar tas-seduta, imbagħad, l-appellant għamel allegazzjonijiet illi l-Maġistrat Lia ħasset illi kienu inġurjużi fil-konfront tagħha, u dan meta qal illi "*...ir-raġel tagħha u missierha tawni appuntament biex jien immur l-uffiċċju tagħhom niddiskuti l-kawżi li għandi quddiemha u hi qegħda ġġellidni minn magħhom*"[1], b'referenza għar-raġel tal-Maġistrat Dr. Lia u missieru, it-tnejn avukati, u għalhekk għamlet rapport lill-Pulizija sabiex jinvestigaw dawn l-allegazzjonijiet.

9. Illi jirriżulta wkoll illi sussegwentement nhar it-18 ta' Marzu 2022, l-appellant ZAHRA ittella' l-Qorti b'mandat ta' arrest sabiex jidher quddiem il-Maġistrat Dr. Monica Vella, li dakinhar kienet qed tisma' l-kawżi fl-awla numru 11. Waqt li kien qiegħed barra l-awla skortat minn PC 940 Owen Magrin, huwa beda jilmenta mill-fatt illi skont hu, kien ilu ħafna jistenna sabiex tissejjaħ il-kawża tiegħu, beda jgħolli leħnu, u f'ħin minnhom għolla basket li kien qed iżomm f'idu u laqgħat wiċċ PC 2179 Raisa Farrugia, li dak il-ħin kienet qed issejjaħ il-kawżi barra l-awla u bdiet issikktu. Hawnhekk l-appellant beda jirrifjuta li jiġi mmanettjat minn PC 940 Owen Magrin. Fid-dawl tal-kommozzjoni li nqalgħet, l-Ispettur Jonathan Cassar ħareġ mill-awla sabiex jara x'kien qiegħed jiġri, u waqt illi kien qed jipprova jikkalma s-sitwazzjoni, l-appellant qallu diversi drabi l-kliem "*Spettur, ibża' minn inti*"[2], kliem li l-appellant jiċħad illi huwa lissen fil-konfront tal-istess Spettur. F'dan l-istadju l-Ispettur Cassar talab l-assistenza mill-Għassa tal-Belt u sussegwentement, l-appellant ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Għassa tal-Belt. Hawnhekk itteħditlu stqarrija verbali, fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, liema stqarrija ġiet reġistrata fuq il-*bodycams* tal-Pulizija, u dan wara li huwa ġie avżat illi tali stqarrija kienet se tiġi hekk irreġistrata.

10. Illi kien għalhekk illi nhar id-19 ta' Marzu 2022, l-appellant tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja

[1] Ara a fol. 306 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 499 tal-proċess.

sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet fuq indikati, b'rabta ma' dawn it-tlett inċidenti separati.

11. Illi permezz tal-ewwel aggravju minnu mressaq, l-appellant ZAHRA jilmenta illi l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti ma kinux tali illi jissodisfaw pjenement l-elementi tar-reati lilu addebitati. Skont l-istess appellant, huwa persuna ta' sebgħin sena, b'karattru nervuż, li jiġi nterpretat ħażin. Jillanja wkoll l-istess appellant illi l-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu illi tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji, li jwasslu lil hinn minn kull dubju raġjonevoli għall-ġudizzju ta' ħtija. Skont l-appellant, l-ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant a bażi ta' provi indizzjarji. Fil-fehma tiegħu, tenut kont tal-provi prodotti, l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu ma ġietx pjenement ippruvata.

12. Illi permezz tat-tieni aggravju, imbagħad, l-appellant jilmenta mill-piena nflitta fuqu, li skont hu, hija piena fil-massimu tagħha, u illi l-ewwel Qorti injorat għal kollox il-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar id-diversi aspetti tal-piena.

13. Jibda biex jingħad illi m'huwiex ċar mir-rikors odjern jekk l-ewwel aggravju tal-appellant huwiex b'referenza għar-reati kollha li huwa nstab ħati tagħhom, jew altrimenti għal dawk biss li jirrigwardaw l-inċidenti tal-14 u tat-18 ta' Marzu 2022, u dan qed jingħad stante illi f'dan l-aggravju l-appellant jitkellem dwar "*l-elementi tar-reati addebitati*" fil-konfront tiegħu, iżda jtenni wkoll illi huwa bniedem nervuż ta' sebgħin sena, li jiġi nterpretat ħażin, u illi dan kien qed jingħad għaliex huwa qal diskors mhux xieraq li wassal sabiex jiġi mixli bl-imputazzjonijiet odjerni. Fi kwalunkwe każ, madankollu, u fid-dawl tat-talba tal-appellant illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fil-parti fejn huwa nstab ħati ta' diversi imputazzjonijiet, il-Qorti sejra tqis dan l-aggravju fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li huwa nstab ħati tagħhom.

14. Illi din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza dan l-ewwel aggravju b'rabta mas-sejbien ta' ħtija tal-appellant dwar it-tieni imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u li permezz tagħha, huwa ġie akkużat talli nhar it-18 ta' Marzu 2022, huwa nġurja, hedded u/jew għamel offiża fuq il-persuni tal-Ispettur Jonathan Cassar, PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia,

persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan fit-termini tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

15. Illi kif jirriżulta minn qari tas-sentenza tal-ewwel Qorti, l-appellant instab ħati fit-termini tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali limitatament fir-rigward tad-diskors li ntqal minnu fil-konfront tal-Ispettur Jonathan Cassar nhar it-18 ta' Marzu 2022, barra l-awla numru 11 ġewwa l-binja tal-Qorti fil-Belt Valletta. L-ewwel Qorti qalet hekk dwar dan:

> "20. Pero kemm mir-recording fic-*CCTV* footage u audio, kif ukoll mix-xhieda tal-ispettur Jonathan Cassar, PC 940 u PC 2127[3], jirrizulta ampjament, li meta l-Ispettur Jonathan Cassar prova jkellem lill-imputat dan beda jghidlu l-kliem "*ibza' minni*" u dan ghal iktar minn darba. Dan certament huwa kliem ta' theddid fil-konfront tal-Ispettur, u ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li t-tieni imputazzjoni u cioe r-reat kontemplat fl-Artikolu 95 giet debitament ippruvata fil-konfront tal-Ispettur Jonathan Cassar."[4]

16. Illi in tema legali ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace</u>** tas-26 ta' Mejju 2016, fejn ġie ribadit kif isegwi dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Illi ma hemmx dubbju illi uħud mill-ingredjenti meħtiega biex jinħmew iż-żewg reati huma identiċi. Dan għaliex dawn ir-reati iridu neċessarjament jiġu kommessi fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku. Issa l-appellanti għandu raġun meta jisħaq illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iż-żewg reati għalkemm it-tnejn għandhom bħala vittma persuna fil-vesti uffiċjali tagħha.*
>
> *Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja, it-theddid jew l-offiża fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Issa din l-inġurja, theddida jew offiża trid issir jew (1) filwaqt illi l-uffiċjal pubbliku ikun qed*

[3] Hawnhekk l-ewwel Qorti kienet fil-fatt qed tirreferi għal PC 2179 Raisa Farrugia.
[4] A fol. 820 tal-proċess.

*jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltraġġ fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja, it-theddida jew l-offiża tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewg istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx ġie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika."*

17. Dan ir-reat jeħtieġ ukoll illi jiġi mwettaq fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Dwar dan il-Professur Mamo jgħallem illi: *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, **provided the offender was aware of his status as such person**."*[5]

18. B'referenza għall-kawża in diżamina, din il-Qorti bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, tqis illi jirriżultaw ampjament sal-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali, l-estremi tar-reat kif ikkontemplat f'din it-tieni imputazzjoni, u dan fil-konfront tal-Ispettur Jonathan Cassar. Jibda biex jingħad li mhux minnu illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) waslet għall-

[5]Ara wkoll is-sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Wayne Deguara** tal-15 ta' Jannar 2021, **The Police vs David Tsakos** tal-15 ta' April 2021, u **Il-Pulizija vs Steve Cordina** tal-11 ta' Lulju 2023.

ġudizzju ta' ħtija f'din l-imputazzjoni abbażi ta' provi indizzjarji, iżda l-Qorti straħet fil-maġġor parti fuq provi diretti ossia fuq dak riżultanti minn Dok. KP 8, ossia l-filmat li ttieħed bil-*bodycam* ta' PC 940 fil-binja tal-Qorti, fejn jinstema' jitkellem l-appellant u jhedded lill-Ispettur Cassar bil-kliem li dwaru jixhed l-istess Spettur[6], kif ukoll fuq ix-xhieda tal-istess Spettur Jonathan Cassar u tal-uffiċjali l-oħra tal-Pulizija ossia PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia, li kienu preżenti fuq il-post fil-ħin tal-istess inċident, u li jikkorroboraw ix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar dwar it-theddid fil-konfront tiegħu. Dwar dan, PC 2179 Raisa Farrugia xehdet hekk:

| | |
|---|---|
| Ix-xhud: | Ħin minnhom ħareġ insomma l-Ispettur Jonathan Cassar biex jara x'inhu jiġri. Jien għidtlu "Dan qed jerfa' jdejh fuqi, qiegħed aggressiv u ma jridx jobdi l-ordnijiet". L-Ispettur qallu biex iħalli lill-pulizija jagħmillu l-manetti u l-ħin kollu dan jgħidlu lill-Ispettur "Ibża' minni spettur, ibza' minni spettur" ... U insomma baqa' jgħid "ibza' minni spettur, ibza' minni spettur, ibza' minnu spettur". |
| Pros: | Min kien dan l-ispettur? |
| Ix-xhud: | Kien l-Ispettur ta' Birżebbuġa Jonathan Cassar.[7] |

19. Dwar din il-parti tal-inċident, PC 940 Owen Magrin xehed hekk:

| | |
|---|---|
| Ix-xhud: | Wara li mbaghad pruvajt nikkalma s-sitwazzjoni ovvjament hareg l-Ispettur Cassar ghax sema l-ghajjat hiereg il-barra mil-Awla fejn jiena – |
| Il-Qorti: | Is-Sur Cassar kien fl-Awla 11 qed nifhem? |
| Ix-xhud: | Iva, kien gewwa l-Awla 11 iva. Hareg sabiex jara s-sitwazzjoni x'kienet u x'gara fejn kellem lis-Sur Zahra fir-rigward tas-sitwazzjoni fejn hu stqarrlu x'gara fil-bicca tax-xoghol l-Ispettur Cassar lis-Sur |

[6] Dok. DT1, a fol. 265 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 269 tal-proċess.

Zahra u s-Sur Zahra indikalu lura li huwa ghandu jibza' minnu kemm-il darba.

Pros: Gifieri min beda jghid dan id-diskors? is-Sur Zahra lil min beda jghidu?

Ix-xhud: Is-Sur Zahra lil Ispettur Cassar.

Il-Qorti: X'qallu ezatt?

Ix-xhud: Qallu li hu ghandu jibza' minnu.

Il-Qorti: Hu gifieri l-Ispettur ghandu jibza minnu?

Ix-xhud: Ezatt.[8]

20. L-Ispettur Jonathan Cassar xehed hekk dwar dan:

Ix-xhud: Jiena dak il-ħin ma kienetx il-kawża tal-imputat li kienet qed issir. Dik il-kommossjoni nqalgħet għax l-imputat ippretenda li jgħajtu lilu. Jiena intervjenejt sabiex tiġi ikkalmata s-sitwazzjoni. L-imputat beda jirrifjuta lill-pulizija li kien skorta miegħu li jagħmillu l-manetti. Beda jgħolli leħnu u juża kliem ta' ... beda jipprova jintimida lill-pulizija li kienu qegħdin hemmhekk. PC2179 infurmatni wkoll li kien laqata' b'basket, jiġifieri ħin minnhom xejjer idu u laqatha b'basket. Jien bdejt nordnalu sabiex ipoġġi bilqegħda u jġib ruħu sew. U għal darba tnejn tlieta lili qalli "Spettur, ibża' minni inti". Mal-ewwel darba li qalilhieli jien staqsejtu x'ried jgħid biha, u bqajt insaqsieh x'ried jgħid biha sakemm eventwalment huwa ġie arrestat...

...

[8] A fol. 456 tal-proċess.

Ix-xhud: Ifhimni ma hemmx kelma oħra. L-attitudni tas-Sur Zahra fil-konfront tiegħi li qatt ma kien rani u b'dik id-determinazzjoni jgħidli "Spettur inti ibża' minni" ħassejtni intimidat."[9]

21. Mill-banda l-oħra, fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija Eżekuttiva fil-presenza tal-avukat tiegħu [10], filwaqt illi l-Uffiċjal Investigattiv issuġġerixxa lill-appellant illi li f'ħin minnhom huwa qal lill-Ispettur "*issa inti tkun taf x'inhu gej ghalik*" jew xi kliem f'dan il-kuntest, l-appellant għall-ewwel jisħaq li huwa ma riedx ifisser il-kliem b'dak il-mod u li ma kienx qallu dan id-diskors f'dak is-sens, iżda iżjed tard meta reġgħet saritlu referenza għal din il-frażi, u ġie mistoqsi jekk kienx qal dak il-kliem, huwa wieġeb "*Ma nafx x'qed tgħid*".[11] Imbagħad meta jieħu l-pedana tax-xhieda fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Marzu 2023, l-appellant jiċħad li huwa qatt hedded lill-Ispettur Jonathan Cassar, jew lil ħaddieħor u jgħid illi lill-Ispettur Cassar, huwa qallu biss "*inti ma tistax teħodli l-krozza jew tlibbisni l-manetti*"[12]. Dwar dan, l-appellant ikompli jixhed hekk:

Difiza: L-Ispettur Cassar semma' illi inti fost affarijiet oħra għidtlu biex jibża' minnek.

Ix-xhud: Jien!

Difiza: Eh.

Ix-xhud: Jien m'għidtlu xejn biex jibża' minni. Jien xi tridu jibża' minni. X'qal hu, x'qal hu issa qed tgħidu intom. U jien x'irrid nibża' minnu fuq kollox.

Difiza: Hu qal li inti għidtlu "ibża' minni!"

Ix-xhud: Jien jekk għidtlu hekk, ma niftakarx li għidtlu hekk u ma semmejtlu xejn. Jien għidtlu, "int ma tlibbisnix manetti", għax ma tistax tlibbes manetti meta

[9] A fol. 499 u 500 tal-proċess.
[10] Ara din l-istqarrija a fol. 134 *et seq* tal-proċess.
[11] Ara a fol. 143 u 144 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 623 tal-proċess.

bniedem qiegħed jien kif jien biċ-ċertifikat, għandi xorti nimxi.[13]

22. In-kontro-eżami mbagħad meta l-Prosekuzzjoni ikkonfrontat lill-appellant bil-fatt li anki mill-awdjo tal-filmat Dok. KP 8 esebit fl-atti proċesswali, huwa kien jinstema' jgħid dak id-diskors lill-Ispettur Cassar, huwa l-ewwel jgħid li ma sema' xejn – u saħansitra l-Qorti ntervjeniet sabiex tikkonferma li anki hi kienet semgħetu - u mbagħad jiċħad għal darba, darbtejn li dak id-diskors qalu lill-Ispettur Cassar:

Pros: Ħin minnhom smajna, ovvjament fuq talba tagħkom din għax kienet fi stadju tagħkom, smajna ukoll clip qasir mill-body cam, u ħin minnhom inti lill-Ispettur Cassar qed tgħidlu dan il-kliem: "Inti ibża' minni għax li nagħmel jien ma tkunx taf..." u xi ħaġa oħra li ma tantx tinftiehem, jiġifieri ma smajthiex, ħa nitkellem hekk. Imbagħad forsi nistieden lill-Qorti biex tismagħha ħalli tkun taf il-verżjoni liema hi eżatt ...

...

Pros: Id-domanda hija din, għal din il-frażi inti nstmajt tgħid, Għalfejn għidtlu hekk lill-Ispettur Cassar?

Ix-xhud: Imma inti smajtni ngħidlu hekk?

Il-Qorti: Iva, smajtu jien. Għalfejn għidt hekk?

Ix-xhud: M'għidtlux hekk.

...

Pros: Imbagħad l-Ispettur Cassar, qed jinstema' fil-filmat li għadna kif smajna, qallek, "Għalfejn għandi nibża' minnek jien?"

[13] Ara a fol. 623 tal-proċess.

Ix-xhud: Jiena m'għidtulux nerġa' ngħid.[14]

23. Illi huwa evidenti għal din il-Qorti, bħal ma kien evidenti wkoll għall-ewwel Qorti qabilha, illi l-verita` hija dik kontenuta fil-verżjoni li jagħtu l-uffiċjali tal-Pulizija dwar id-diskors li ntqal mill-appellant lill-Ispettur Jonathan Cassar, liema diskors huwa anke korroborat minn dak li jinstema' jgħid l-appellant lill-istess Spettur f'Dok. KP 8. Huwa evidenti wkoll illi l-elementi kollha tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 jissussistu u dan stante illi jirriżulta ppruvat fil-grad li trid il-liġi, illi l-appellant tenna kliem ta' theddid diversi drabi fil-konfront tal-Ispettur Jonathan Cassar, uffiċjal tal-Pulizija inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, meta l-appellant kien jaf illi l-Ispettur Cassar kien uffiċjal tal-Pulizija, u dan proprju waqt illi l-istess Spettur kien qed iwettaq dan is-servizz. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija għal din it-tieni imputazzjoni qiegħed jiġi miċħud.

24. Illi għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija fir-rigward <u>tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet</u>, li jikkontemplaw rispettivament il-kontravvenzjonijiet fl-Artikoli 338(ee) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, l-ewwel Qorti tenniet hekk fis-sentenza appellata:

> 18. ... Fix-xhieda taghha PC 2127 Raisa Farrugia[15] xehdet li l-imputat beda jghajjat maghha u jghidilha dan il-kliem "*Inti taf kemm ilni nistenna hawnhekk*? *Taf li jiena bniedem marid?", "isma' dahhalni ghax jien bniedem marid"* u *"jien irrid nidhol, jien irrid l-kawza tieghi tinstema' issa*".[16] Dan id-diskors la jikkostitwixxi ingurja u lanqas jikkwalifika bhala theddid jew ingurja fil-konfront ta' PC 2127. Ovvjament il-fatt li l-imputat baqa' jinsisti b'vuci gholja li jrid li l-kawza tieghu ssir, minkejja li PC 2127 bdiet tordnalu biex joqghod kwiet, jikkostitwixxi r-reati minuri li m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' awtorita pubblika, u li kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika...
>
> 19. Fix-xhieda tieghu PC 940 Owen Magrin qal hekk: "*Fil-konfront tieghi dirett m'offendinix per se lili kull ma beda*

[14] Ara a fol. 636 u 637 tal-proċess.
[15] Anke hawn l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi għal PC 2179 Raisa Farrugia.
[16] Hawnhekk l-ewwel Qorti tirreferi għal fol. 267-268 tal-proċess.

*jghidli mhux ha jhallini naghmilu l-manetti kif ukoll li dan m'ghamel xejn hazin u mhux ha jkollu l-manetti ghax ghandu l-krozzi*".[17] Ix-xhud PC 940 Owen Mangion jghid ukoll li l-imputat qal xi kliem vulgari u oxxen hu u jirrezisti li jaghmillu l-manetti. Fil-fatt PC 940 ma rnexxielux jaghmillu l-manetti ...

...

21. Kif diga` inghad, il-kontravvenzjonijiet li l-imputat naqas li jobdi ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija kif ukoll li kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, jirrizultaw ampjament ippruvati mix-xhieda ta' PC 2127, PC 940 u tal-Ispettur Jonathan Cassar, kif ukoll mill-filmati tas-CCTV.

22. Id-difiza tissottometti illi l-ordni li l-Pulizija taw lill-imputat li jilbes il-manetti ma kinietx wahda ragonevoli, ghaliex kieku libes il-manetti, l-imputat ma kienx ikun jista' jzomm il-krozzi, u jimxi, minghajr riskju reali li jaqa' ma' l-art. Ghalkemm il-Qorti taqbel mal-principju li l-ordni li tati l-Pulizija trid tkun wahda ragonevoli sabiex tigi obduta, min-naha l-ohra fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-ordni kienet wahda irragonevoli fic-cirkostanzi. Il-Qorti tifhem li l-Pulizija riedet li hu jigi immanettjat sabiex jigi ikkontrollat fizikament minhabba d-daghdiha li anke d-difiza stess tammetti li l-imputat kellu fuqu dak il-hin.[18] Huwa ovvju anke ma' l-ewwel daqqa t'ghajn li l-imputat ghandu problema ta' mobilita, u ghandu bzonn l-ghajnuna tal-krozzi biex jimxi. Kieku l-imputat accetta li jigi immanettjat u baqa' bil-qieghda fuq il-bank, ma kien se jkun hemm l-ebda perikolu ghal sahhtu. Din il-Qorti ma tahsibx li l-Pulizija kienet se tkun tant irragonevoli li tippretendi li meta tissejjah il-kawza tieghu, l-imputat kellu jimxi immanettjat sal-Awla minghajr l-ghajnuna tal-krozzi ...

[17] Hawnhekk l-ewwel Qorti tirreferi għal fol. 458 tal-proċess. Il-Qorti tinnota illi l-istess xhud jixhed ukoll illi: "*Fizikament beda jigbidli idu lura ma bedix ihallini beda jghidli le mintiex ha taghmilli l-manetti init lili mintiex ha taghmili l-manetti*" u fuq domanda tal-Qorti għaliex ħass li kellu jagħmillu l-manetti, huwa xehed illi "*Ghax kien qed ikun qed jiskala u kien qed ikun ta' vjolenza jista jkun ghal PC 2179 kif ukoll ghal forsi nies ohra li kien hemm fil-madwar*" (a fol. 459 tal-proċess).

[18] Il-Qorti hawnhekk irreferiet għat-tieni paragrafu, a fol. 745 tal-proċess.

23. L-imputat jghid li ma ndunax li PC 2127, li kienet liebsa pajzana, izda kellha tag tal-Pulizija, kienet ufficjal tal-Pulizija, izda hasibha impjegata tal-Qorti.[19] Pero l-Qorti mhix disposta temmnu f'dan ir-rispett, stante li PC 2127 kienet liebsa t-tag tal-Pulizija, u l-imputat huwa midhla sew tal-proceduri ta' dawn il-Qrati, kif tixhed il-fedina penali voluminuza tieghu, u jaf li fil-kawzi kriminali, huma l-Pulizija li jsejhu l-kawzi.[20]

25. Illi din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-ewwel Qorti, liema raġunament wassalha sabiex issib ħtija fl-appellant dwar it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

26. Illi din il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ordnijiet illi ngħata l-appellant, kemm illi jżomm il-kwiet fil-bini tal-Qorti, kif ukoll illi jiġi mmanettjat – u f'dan is-sens huwa ma ħalliex jew fixkel lil min kien inkarigat minn servizz pubbliku, ossia lil PC 940 fid-dmirijiet tiegħu, fit-termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali – kienu ordnijiet leġittimi, intiżi sabiex l-appellant iżomm il-kwiet u l-paċi u sabiex jiġi kkontrollat l-aġir tiegħu, liema ordnijiet għalhekk kellhom jiġu obduti u mhux imfixkla mill-istess appellant.

27. Fir-rigward, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Tonna</u>** tad-9 ta' Lulju 2009, fejn ingħad hekk:

> *Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati li ordni legittimu moghti mill-Pulizija ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinska ta' dak l-ordni (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Austin Grech**" [6.10.1992]). Gie ukoll ritenut li ordni jitqies li hu legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun prima facie legittimu, igifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu w fil-forma li fih jinghata.(ara App. Krim' "**Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze**" [25.6.1997]*

[19] A fol. 633 tal-proċess.
[20] Ara a fol. 820 u 821 tal-proċess.

28. Illi in kwantu għar-reat kontravvenzjonali mertu tar-raba' imputazzjoni, imbagħad, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro</u>** tal-20 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti rrilevat liema huma dawk l-elementi li jeħtieġ illi jirriżultaw fl-imġieba tal-aġent attiv tar-reat sabiex ikun jista' jitqies integrat ir-reat taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali:

> *Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.*

29. Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ odjern, m'hemmx dubju illi l-għajjat, l-istorbju, il-kliem ħażin u anke iżjed tard it-theddid da parti tal-appellant, dirett lejn l-Uffiċjali tal-Pulizija fuq imsemmija, kien tali li jikkawża t-tħassib imsemmi fis-sentenza fuq ċitata, tant illi kien proprju dan l-aġir tal-appellant, li anke sa minn qabel huwa hedded lill-Ispettur Jonathan Cassar, wassal lil PC 940 sabiex jipprova jimmanettja lill-istess appellant. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud anke fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija dwar it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

30. Illi in kwantu għar-reat ravviżat fl-Artikolu 93(1) tal-Kodiċi Kriminali, mertu tal-<u>ħames imputazzjoni</u> miġjuba kontra l-appellant, u dan b'rabta mal-inċident li seħħ ġewwa l-awla tal-Qorti waqt seduta preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia nhar l-14 ta' Marzu 2022, jirriżulta mix-xhieda tal-Maġistrat Dr. Nadine Lia illi fil-jum imsemmi, li fih nstemgħu tliet kawżi tal-appellant, l-istess appellant mill-ewwel beda jġib ruħu b'mod ħażin. Għalkemm fil-bidu, hija talbet lill-avukat difensur sabiex jikkontrolla l-imġieba tiegħu, iżjed tard l-appellant beda jtenni diskors dispreġġjattiv fil-konfront tax-xhieda u tal-Ispettur Paul Camilleri u wara

anke fil-konfront tal-familjari tagħha, u l-Maġistrat sabitu ħati ta' disprezz diversi drabi. Dan jirriżulta mill-verbal tal-istess seduta.[21] Tixhed ukoll il-Maġistrat Dr. Nadine Lia illi l-appellant qal is-segwenti kliem fil-konfront tagħha:

> "Għax din missier ir-raġel tagħha huwa Pawlu Lia. U r-raġel tagħha ha ngħidlek x'inhuma, mhux imbilli qed tagħmilli hekk fl-awla...". Qal "Jien ir-raġel tagħha u missierha tawni appuntament biex jien immur l-uffiċċju tagħhom niddiskuti l-kawżi li għandi quddiemha u hi qegħda ġġellidni minn magħhom".[22]

31. Stante illi kemm żewġha, kif ukoll missieru huma avukati u fid-dawl ta' dan id-diskors li ngħad mill-appellant, il-Maġistrat Dr. Nadine Lia talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga dan id-diskors u l-veraċita` tiegħu, u illi jittieħdu l-passi neċessarji kemm il-darba jirriżulta illi dan kien falz. Dan fil-fatt jirriżulta wkoll mill-verbal tal-istess seduta.

32. Illi l-Artikolu 93(1) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> (1) Kull min jinġurja jew ihedded imħallef, jew l-Avukat Ġenerali, jew maġistrat, jew ġurat, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' sa tmintax-il xahar u għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux iżjed minn elf u ħames mitt euro (€1,500).

33. Minn qari tat-test tal-liġi għalhekk jirriżulta illi sabiex jitqies integrat dan ir-reat, jeħtieġ illi l-ħati jkun qal kliem meqjus inġurjuż jew ta' theddid fil-konfront ta' (fost oħrajn) ġudikant, fil-waqt li dan ikun qiegħed jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu jew inkella bl-iskop li jbeżża' lill-ġudikant jew sabiex jinfluwixxi fuqu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu.

---

[21] Ara a fol. 406 tal-proċess. Il-verbal ġie kkonfermat mid-Deputat Reġistrat Lorianne Spiteri (ara a fol. 439 tal-proċess). L-istess verbal jinsab riprodott fir-rapport tal-Pulizija a fol. 87 u 87 tal-proċess, liema verbal ukoll ġie kkonfermat mill-imsemmija Deputat Reġistratur (ara a fol. 440 tal-proċess).

[22] Ara a fol. 306 tal-proċess.

34. Din il-Qorti tqis illi l-Maġistrat Dr. Nadine Lia xehdet fit-tul dwar dan l-episodju u x-xhieda tagħha ġiet korroborata wkoll mid-Deputat Reġistratur, Lorianne Spiteri. Għalkemm l-appellant, fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, sostna illi huwa kull ma qal lill-Maġistrat Lia kien illi hija ġellditu minn ma' żewġha[23], u in kontro-eżami, jixhed ukoll illi ma jiftakarx illi qal dan id-diskors[24], u illi ma jafx li huwa qalu[25], madankollu, kif ingħad ukoll mill-ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, id-difiża bl-ebda mod ma kkontestat il-verbal tal-Qorti dakinhar tal-14 ta' Marzu 2022 dwar id-diskors li sar mill-appellant fil-konfront tal-Maġistrat Dr. Nadine Lia. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-ewwel Qorti in kwantu qieset illi l-kliem tal-appellant dirett lejn l-istess Maġistrat kien wieħed inġurjuż, stante illi kien kliem li jixħet dubju fuq l-imparzjalita` tagħha bħala maġistrat u fuq l-integrita` tagħha u tal-familjari tagħha, u dan b'mod partikolari meta wieħed iqis illi l-appellant tenna dan id-diskors f'awla mimlija nies waqt seduta tad-distrett ta' Raħal Ġdid. Hawnhekk l-ewwel Qorti fil-fatt tagħmel referenza għal dak li xehdet l-istess Maġistrat fir-rigward:

> "... jien dak il-ħin inħsadt, ħassejtni imbarazzata, sinċerament imbarazzata because dak il-ħin fl-awla ovvjament għandhom kull dritt – kull dritt – li n-nies jgħidu "Dan x'qed jiġri hawnhekk? Mela ġudikant u l-familjari tiegħu there is a window of access ... At the same time tħossok speċi, mhux imbeżża' l-kelma, imma tħossok speċi li tgħid imma dan jekk xi ħadd jemmnu dan se jaħsbu li jiena dan it-tip ta' kif naħdem ..."[26]

35. Illi kif tqis ukoll l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jirriżulta mix-xhieda tal-appellant illi huwa jammetti li żbalja meta semma lir-raġel tal-Maġistrat Dr. Lia waqt is-smigħ tal-kawżi tiegħu[27], u jammetti wkoll illi dak il-ħin huwa kien irrabjat lejn l-istess Maġistrat stante illi ma kinitx qed taċċetta ċ-ċertifikati mediċi li huwa kien jgħaddi lill-avukat difensur tiegħu[28]. Ukoll bħal l-ewwel Qorti qabilha, lanqas din il-Qorti m'għandha dubju illi l-appellant dak il-ħin kien irrabjat għall-fatt illi l-Maġistrat

[23] A fol. 625 tal-proċess.
[24] A fol. 638 tal-proċess.
[25] A fol. 639 tal-proċess.
[26] A fol. 311 tal-proċess.
[27] A fol. 627 tal-proċess.
[28] A fol. 628 tal-proċess.

kienet għadha kif sabitu ħati ta' diversi disprezzi, erbgħa b'kollox, li flimkien kienu jammontaw għas-somma ta' ħames mitt ewro (€500). Kif tenniet l-ewwel Qorti, għaldaqstant jirriżulta illi l-appellant uża kliem inġurjuż fil-konfront tal-Maġistrat Dr. Nadine Lia stante illi din kienet wettqet id-dmirijiet tagħha, fl-ewwel lok, li tassigura illi huwa jitla' l-Qorti meta kien ikun notifikat u fit-tieni lok, meta kkundannatu għal diversi disprezzi waqt l-istess seduta stante illi ma kienx qed iġib ruħu sew fil-Qorti. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-ewwel Qorti fejn din ikkonkludiet illi mill-provi prodotti ma jirriżultax illi huwa kellu l-ħsieb li jbeżża' lill-Maġistrat jew inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi, fid-dmirijiet tal-kariga tagħha.

36. Isegwi għalhekk illi l-appellant m'għandux raġun fl-ewwel aggravju tiegħu dwar il-ħames imputazzjoni u illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija fl-appellant anke dwar din l-imputazzjoni.

37. Fir-rigward tas-<u>sitt imputazzjoni</u> għalkemm l-appellant ma qajjem l-ebda aggravju, huwa talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni, li tikkontempla r-reat kontravvenzjonali fit-termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Anke hawn din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti in kwantu fir-rigward qieset illi la darba matul l-istess seduta tal-14 ta' Marzu 2022, l-appellant ġie kkundannat għal diversi disprezzi minħabba l-imġieba tiegħu waqt l-istess seduta, kemm il-darba l-Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-istess imputazzjoni, allura tkun qed tikser il-prinċipju ta' *ne bis in idem.*

38. Illi fir-rigward tas-<u>seba' imputazzjoni</u>, l-appellant jilmenta wkoll mid-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu mill-ewwel Qorti u dan in kwantu, milli fehmet din il-Qorti, huwa jsostni illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) straħet biss fuq provi indizzjarji li ma jwasslux sal-grad taċ-ċertezza morali għall-konklużjoni ta' ħtija.

39. Illi permezz ta' din l-imputazzjoni, l-appellant ġie mixli talli nhar id-29 ta' Diċembru 2021, għall-ħabta ta' 12.20 hrs, ġewwa l-Belt Valletta, huwa kkommetta serq ta' żewġ *mobile phones* għad-detriment ta' Hamza

Bakoush u Omar Mustafa Hussein, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta’ €2329.37.

40. Illi minnufih jingħad li mhemmx dubju dwar il-fatt illi nhar id-29 ta’ Diċembru 2021, l-appellant ZAHRA kien qiegħed proprju ħdejn il-gabbana, li minnha Hamza Bakoush u Omar Mustafa Hussein xehdu li nsterqulhom il-*mobile phones* tagħhom. Fix-xhieda tiegħu, in kontro-eżami, l-appellant *ex admissis* jikkonferma illi dak li jidher fil-filmat li ġie muri lilu (u li kien meħud mis-*CCTV camera* fl-inħawi tal-imsemmija gabbana) kien hu:

| | |
|---|---|
| Pros: | Sur Zahra, dak il-persuna li rajna bil-krozza u bil-carrier, naqblu li dak huwa inti? |
| Ix-xhud: | Iva. |
| Pros: | Naqblu. Jiġifieri naqblu li dak il-persuna li qed jidher jimxi u jdur wara l-gabbana u jerġa’ jiġi minn wara l-gabbana dak huwa inti? |
| .... | |
| Ix-xhud: | Iva, mal-gabbana. |
| Pros: | Inti. Naqblu illi inti allura f’dik id-data illi hemm fl-akkuża u jidher fil-filmat inti kont qiegħed fuq il-post? |
| Xhud | Dażgur li kont qiegħed fil-post, kont nieżel ħa nirkeb tal-linja.[29] |

41. Illi fix-xhieda tiegħu dwar dan l-episodju, l-appellant isostni illi huwa għadda sabiex jieħu kafe` mill-istess gabbana, u jgħid illi huwa kien poġġa l-*mobile phone* tiegħu “*naqra ‘l hemm minn fuq il-fridge*”[30] u li kull ma kien ħa kien il-*mobile phone* tiegħu biss. Madankollu, din il-verżjoni tal-appellant la ġiet emmnuta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u lanqas ma qegħda tiġi akkolta bħala veritiera minn din il-Qorti, u dan

[29] A fol. 639 tal-proċess.
[30] A fol. 629 tal-proċess.

għaliex il-provi juru xort'oħra. Mix-xhieda ta' Hamza Bakoush, jirriżulta illi dakinhar li sar ir-rapport dwar is-serqa tal-istess *mobile phones,* huwa kien qiegħed ma' sieħbu ħdejn il-gabbana, filwaqt illi poġġa l-*mobile phones* tiegħu u ta' sieħbu fuq *fridge freezer* sakemm kienu qed jitkellmu ma' terza persuna. Wara ftit minuti, dawn il-*mobile phones* ma sabhomx. Il-*mobile phone* tiegħu kien tad-ditta *Samsung,* li kien jiswa xi mitejn ewro.[31] Da parti tiegħu, Mohammed Hussein Mustafa Omar ukoll jixhed illi dan l-inċident seħħ dakinhar li sar rapport minnhom dwaru, li dakinhar hu u Hamza Bakoush kienu qegħdin jieklu u poġġew il-*mobile phones* tagħhom fuq il-friża tal-gabbana, li tinsab il-Belt, ħdejn il-karozzi tal-linja. Il-*mobile phone* tiegħu kien tad-ditta Samsung. Wara ftit tal-minuti, huwa dar u ra li l-*mobile phones* ma kinux hemm. Dak il-ħin stess huwa daħal fil-gabbana u talab sabiex jara l-filmati tal-*camera* u fuq l-istess filmat, seta' jara li dawn ittieħdu minn wieħed li kien bil-krozza, li huwa għarfu bħala l-appellant odjern. Jixhed ukoll illi l-*mobile phone* tiegħu kellu valur ta' tlett mija u ħamsin ewro.[32]

42. Mill-filmat tas-*CCTV* esebit bħala Dok. KP 7 u li jifforma parti minn Dok. DT1[33], jidher l-appellant bil-wieqfa, fil-waqt illi jimbotta *mobile phone* 'l ġewwa u barra mill-vista tal-*camera.* Wara jibda miexi lil hinn filwaqt illi jimbotta *pram* jew *pushchair* b'id waħda u jżomm bastun bl-id l-oħra. Idur mal-ġenb tal-gabbana u għal xi ħin ma jibqax jidher, sakemm ftit sekondi wara terġa' titfaċċa l-*pram* jew il-*pushchair* mill-ġenb tal-gabbana u mbagħad l-appellant miexi bil-bastun. F'ħin minnhom jieqaf u jidher ibexxaq bħal basket li kellu fil-*pram* jew *puschair.* Imbagħad ikompli miexi fl-istess direzzjoni fejn qabel kien tefa' l-*mobile phone.* Hawnhekk l-appellant joħroġ mill-vista tal-*camera* u wara ftit tidher id, bl-istess ħwejjeġ li kien liebes l-appellant, tiġbor xi ħaġa mill-istess post fejn ftit qabel huwa kien tefa' l-*mobile phone.* Bħal l-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti m'għandhiex dubju illi fil-fatt kien l-appellant li seraq iż-żewġ *mobile phones* in kwistjoni.

43. Din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma waslitx għall-ġudizzju tagħha ta' ħtija abbażi ta' provi ċirkostanzjali ambigwi u ekwivoċi. Għalkemm il-kwadru probatorju huwa wieħed bażat fuq provi

[31] Ara a fol. 283 *et seq* tal-proċess.
[32] Ara din ix-xhieda a fol. 111 tal-proċess.
[33] A fol. 265 tal-proċess.

indizzjarji, tali provi fl-assjem tagħhom jindikaw mingħajr dubju dettat mir-raġuni illi l-awtur tas-serq in kwistjoni kien proprju l-appellant odjern.

44. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant dwar din is-seba' imputazzjoni u qegħda għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

45. Illi in kwantu t-<u>tmien imputazzjoni</u>, l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha stante illi din tikkontempla r-reat ta' riċettazzjoni, u allura skont l-ewwel Qorti, din ingħatat bħala alternattiva għar-reat ta' serq. Għalkemm l-appellant jitlob illi s-sentenza appellata tiġi mħassra anke f'dan ir-rigward, huwa ma jagħti l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tagħmel dan. Din il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti kienet korretta anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

46. Permezz tad-<u>disa' imputazzjoni</u>, imbagħad, l-appellant ġie mixli wkoll talli naqas milli jħares il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan fit-termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Anke hawn, l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata fejn din sabitu ħati ta' din l-imputazzjoni, iżda ma jressaq l-ebda aggravju speċifiku fir-rigward. Mis-sentenza appellata jirriżulta illi l-ewwel Qorti straħet fuq il-vera kopja tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest tat-3 ta' Novembru 2019, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, liema digriet, fiż-żmien tar-reati kommessi mill-appellant, kien għadu in vigore.[34] Għalhekk, la darba l-appellant instab ħati tar-reati fuq imsemmija, isegwi illi huwa kiser waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ossia dik li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħus mill-arrest. Għaldaqstant, anke hawn l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal sejbien ta' ħtija fl-appellant odjern.

47. Illi dwar l-<u>għaxar imputazzjoni</u>, li permezz tagħha l-appellant ġie mixli bl-addebitu tar-reċidiva u dan fit-termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellant ma talabx lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza

[34] Ara dan id-digriet a fol. 507 tal-proċess u x-xhieda ta' Doreen Pickard fir-rigward, a fol. 505 *et seq* tal-proċess.

appellata in kwantu nstabet ħtija wkoll mill-ewwel Qorti ta' din l-imputazzjoni, u għalhekk din il-Qorti m'hijiex se tinoltra ruħha fil-mertu ta' din l-imputazzjoni.

48. Illi permezz tat-<u>tieni aggravju</u>, kif ingħad, l-appellant ZAHRA jilmenta mill-piena mposta mill-ewwel Qorti in kwantu piena ta' priġunerija u multa, stante illi skont hu, din hija piena fil-massimu, u in oltre meta ġiet sabiex teroga l-piena, l-ewwel Qorti njorat għal kollox il-prinċipji li jemanaw mill-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar l-aspetti varji tal-piena.

49. Illi huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` li jirriżultalha illi tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005 fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Bilgum and Kucuk Melek</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004* dwar din il-materja, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede superjuri kif ukoll f'dik inferjuri:

> "***The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the***

***effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.***"[35]

50. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[36]

51. Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler</u>** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset illi:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

52. Illi mistħarrġa l-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, inkluż ukoll dik il-każistika li għamel referenza għaliha l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li wassal lill-ewwel Qorti

[35] Page 1695, para. D23.45

[36] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche</u>**.

sabiex teroga l-piena in kwistjoni. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, il-Qorti tal-Maġistrati qieset il-fedina penali ferm refrattarja tal-appellant, "*li fiha mija u disa' (109) faccati ta' litanija ta' reati differenti*" u tinkludi diversi kundanni dwar reati tal-istess natura li dwarhom instab ħati f'dawn il-proċeduri, ossia serq ikkwalifikat f'diversi okkażżjonijiet, attakk u reżistenza lill-Pulizija, u theddid, ingurja u feriti lill-uffiċjali tal-Pulizija u uffiċjali oħra nkarigati miż-żamma tal-ordni. L-ewwel Qorti qieset ukoll il-kontenut tar-rapporti tal-Uffiċjal tal-*Probation*, inkluż illi mill-banda l-waħda, tenut kont tal-eta` tal-appellant u l-kultura li huwa trabba fiha, huwa diffiċli illi llum il-ġurnata, huwa jibdel il-karattru tiegħu, iżda mill-banda l-oħra, jidher li juri ċertu rispett lejn min jipprova jgħinu, għalkemm xorta waħda t-ton tiegħu jkun wieħed ta' kmand. Qieset in oltre l-ewwel Qorti fl-ikkalibrar tal-piena, illi ż-żewġ vittmi tas-serq xehdu illi ħafru lill-appellant u m'għandhomx pretensjonijiet fil-konfront tiegħu. Dan filwaqt illi wieħed mill-vittmi ossia Mohammed Omar Mustafa Hussein xehed illi l-appellant ħallsu s-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti l-valur tal-*mobile phone* li kien jappartjeni lilu. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti qieset il-fatturi kollha li setgħet tqis, inkluż iċ-ċirkostanzi tal-appellant, meta ġiet biex teroga l-piena.

53. Illi tenut kont tal-*quantum* tal-piena erogata mill-ewwel Qorti, huwa evidenti illi tali piena hija fil-parametri tal-liġi, u tirrifletti s-serjeta` tal-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati l-appellant. Lanqas ma hija piena fil-massimu tagħha, kif jillanja l-appellant. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn għandha tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta ġiet biex teroga l-istess piena, b'dan għalhekk illi qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost mill-appellant Joseph ZAHRA u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**